# Mill-Viżta Pastorali tas-Sena AD 1636 fil-Qrendi

**Is-Sur Lorenzo Zahra**

Fis-Sena AD 1636, meta Dun GianMari Camilleri kien Kappillan, saret viżta pastorali fir-raħal tal-Qrendi. Din saret f'Novembru.

Kien żmien il-bidu tal-ħidma tal-Isqof Gio Michele Balaguer Camarasa. Il-viżta bdiet billi saret il-ġriżma lill-parruċċani u naturalment iċ-ċerimonji li soltu jsiru f'okkażjoni bħal din f'kull parroċċa.

Wara dan ir-rit, il-viżitatur eżamina l-artal maġġur bit-tabernaklu fin-nofs li jgħid li kien tal-ġebel imżejjen b'mod xieraq u titla' għalih minn żewġ targiet. Kien hemm ikona tal-Marija Assunta imdawra bi gwarniċ u mżejna bil-kolonni. L-artal kien attrezzat bil-ħtiġijiet kollha u mdawwal b'lampir jixgħel. Kien hemm Fratellanza tas-SSmu Sagrament u prokuratur inkarigat jieħu ħsiebha.

Fil-viżta l-Isqof ħa nota ta' kif kienu miżmuma ż-żjut tas-Sagrament kif ukoll il-Fonti tal-Magħmudija. Fuq il-lemin kien hemm artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju li kellu wkoll ikona li kienet imdawra bi ħmistax-il posta tar-Rużarju u lampir jixgħel quddiemha.

Dan l-artal kienu jieħdu ħsiebu l-prokuraturi Giuseppi Farrugia u Pietru Magro. Kien hemm ukoll artal ieħor iddedikat lill-Ispirtu s-Santu li kien fuq ix-xellug tal-maġġur. Anke dan l-artal kien mżejjen b'ikona mdawra bi skultura u kien jieħu ħsiebu Benedittu Camilleri.

Il-Knisja kienet għadha bi tliet artali biss imma kellha diġà Sagristija b'mejda mdaqqsa u kienet imdawla. Il-knisja kellha tliet bibien imma jidher li kien hemm ukoll il-ħsieb li titkabbar. Il-Prokuratur tal-knisja kien Lorenzo Caruana u diġà kienet issir il-festa tal-Assunta biċ-ċerimonji kollha tal-jum ta' festa. Hawn jissemmew dawk li kienu devoti jieħdu ħsieb il-preparamenti fosthom Dimitri Spiteri, Dimitri Pace u Tumas Magro.

Fil-parroċċa kien hemm ukoll għadd ta' kappelli mxerrdin fir-raba' fosthom dik iddedikata lill-Assunta li kien jieħu ħsiebha Duminku Magro, dik tal-Madonna tal-Grazzja li kellha kwadru juri l-Madonna u San Ġwann, ta' San Mattew l-Evanġelista tal-Maqluba b'ikona mżejna bi ġwarniċ u b'artal mgħolli fuq żewg targiet u l-knisja ta' San Nikola li kien fiha xbihat tal-qaddisin San Pawl u San Dimitri.

Din il-knisja kien jieħu ħsiebha Mikiel Axiaq. Fis-sena 1618 din il-knisja ġiet profonata imma jidher li maż-żmien reġgħet ġiet restawrata. Kappella oħra kienet dik ta' Santa Luċija li kien jieħu ħsiebha Benedittu Camilleri, dik tal-Madonna tal-Ħniena li magħha kellha ċimiterju u kien jieħu ħsiebha Anġlu Busuttil, oħra ta' San Tumas li kienet tinsab f'art tal-patrijiet Agostinjani tal-Imdina u dik tas-Salvatur li kien jieħu ħsiebha Ċensu Aquilina mill-Imqabba, filwaqt l-quddiesa ta' nhar il-festa li kien isir fiha kien jieħu ħsiebu Pietru Spiteri miż-Żurrieq.

Tajjeb ninnutaw ukoll li f'dak iż-żmien il-poplazzjoni kienet tgħodd ftit aktar minn 600 ruħ u fir-raħal kien hemm madwar 180 dar.

JERRY'S Silencer Repairs



*Teddy's Garage,*
*Siġġiewi Road,*
*Mqabba.*

*Tel: 2164 0750*
*Mob: 9944 9237*

CO2 WELDING

**For Welding and Silencer Repairs**